# Sena Wara Sqaqien

Kont ilni interrraq
fit-toroq tat-tama,
u b'qalbi mtaqqla bix-xewqa
inħabbat bibien,
nistaqsi,
infittex
fil-mapep-uċuh
l-imkien li ridt nasal fih jien:
w għalkemm kulħadd sama' bih

ħadd ħadd ma kien jafha
it-trejqa li twassal għalih.

Sakemm iltqajt miegħek
u ntbaħt li int ukoll
kont qed tfittex
l-imkien tal-ħolm tiegħi
ir-rokna tad-dinja
bla kruha, bla frugħa.
U hekk kif
għajnejna,
idejna,
xufftejna
iltaqgħu,
infirxet madwarna is-sħaba
tal-hena, tal-paċi,
li ħbietna mid-dinja muġugħa
w għallmitna li
l-post ta' xewqitna
nsibuh kullimkien
sakemm inkunu
flimkien
int u jien